PDF Compressor Pro





Il-purċissjoni bil-vara tal-Irxoxt fil-knisja Rotunda, fix-Xewkija

# Il-Qawmien ta' Kristu mill-mewt

Minħabba x-xita, numru ta' purċissjonijiet tradizzjonali bl-Irxoxt madwar Għawdex tħassru. Fost il-purċissjonijiet li tħassru kien hemm dawk tal-Parroċċi ta' Victoria, San Ġorġ u l-Katidral, kif ukoll Kerċem u x-Xagħra. Fix-Xewkija, il-purċissjoni bl-Irxoxt saret fil-Knisja Rotunda bis-sehem tal-Banda Prekursur li daqqet diversi marċi fosthom l-innu tal-Irxoxt mużika tas-Surmast Ronald Pisani u kliem ta' l-Isqof Nikol Cauchi. Ħa sehem ukoll il-Kor *Vox Clamantis.*

Numru kbir ta' nies, filgħaxija nġabru fil-Knisja u l-Pjazza tal-Parroċċa taż-Żebbuġ għall-purcissjoni tal-Irxoxt li ħarġet minn din il-Parroċċa bis-sehem tal-Banda Santa Marija taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Grech.

Intant, wara li f'Sibt il-Għid il-Knisja Kattolika fakkret il-Qawmien ta' Kristu mill-mewt b'funzjoni solenni, fl-Għid il-Kbir filgħaxija, fil-Katidral, Mons. Isqof Mario Grech, mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali bis-sehem tar-Rev.mu. Kapitlu. Ħa sehem ukoll il-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*.



Ir-reffiegħa jiġru bl-istatwa tal-Irxoxt fiż-Żebbuġ

# *Re-union* tal-ekx studenti tas-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù 1990-1995

Saret *re-union* tal-eks studenti li kienu jattendu s-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù bejn l-1990 u l-1995. L-attività bdiet b'quddiesa mmexxija minn Fr. Joe Calleja, wieħed mill-għalliema ta' dan il-grupp, fil-Knisja Konventwali ta' San Franġisk ir-Rabat. Il-quddiesa saret b'suffraġju tal-erwieħ għeżież ta' tnejn mill-membri ta' dan il-grupp, Ruben Gatt u Renzo Grima, kif ukoll tlieta mill-għalliema, Dun Ġużepp Bajada, Dun Anton Dimech u Pawlu Camilleri. Aktar tard saret ikla fl-*El Dorado Restaurant* fir-Rabat stess.



Waqt l-ikla tar-re-union li saret fl-El Dorado Restaurant fir-Rabat



Il-grupp li ċċelebra flimkien din ir-Re-unjin

## MINN GĦAWDEX



ma' **Charles Spiteri**



Manuel Farrugia jidher jagħti informazzjoni lill-pubbliku li mar iżur il-wirja

# Wirja ta' Pittura fis-Seminarju

Mgr Isqof Mario Grech fetaħ wirja ta' 25 biċċa, arti sagra, xogħol fuq it-tila ta' Manuel Farrugia, fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, Victoria. F'kelmtejn qosra, Mons Isqof irringrazzja lill-artist Farrugia għax bl-arti tiegħu għenu jidħol ftit aktar fil-misterju tal-bniedem fid-dawl tal-misterju t'Alla.

Ir-Rettur tas-Seminarju Fr Daniel Xerri għamel id-diskors ta' merħba waqt li Joe Camilleri għamel il-kritika tal-arti.

L-inizjattiva sabiex għall-ewwel darba tittella' wirja ta' din ix-xorta fis-Seminarju, kienet tal-Aħwa Ħbieb tas-Seminarju.



Il-Banda tal-Pulizija waqt il-kunċert ta' Jum il-Ħelsien

# Jum il-Ħelsien

It-33 Anniversarju ta' Jum il-Ħelsien ġie ċċelebrat fi Pjazza Indipendenza, Victoria, nhar is-Sibt 31 ta' Marzu, filgħodu, b'kunċert strumentali mill-Banda tal-Pulizija, taħt it-tmexxija tas-Surmast Direttur tagħha, l-ispettur anzjan Anthony Cassar, organizzat mill-Kumitat għaċ-Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali u Reġjonali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

Il-Kuncert spiċċa bid-daqq tal-Innu Malti. Ippreżentat il-Pulizija Amanda Pickard.


**Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott** - *Hard Cover*




Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott.
Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti
Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald**
**PO Box 330 Merrylands NSW 2160**
jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**

***Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna***